FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

A.MICALLEF TRIGONA LL.D., MAG.JUR (EU LAW)

ILLUM 05 TA' OTTUBRU 2016

Il-Pulizija

Spettur Elton Taliana

vs

Awet Estifanos Weldetinsae

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni kontra l-imputat ta' nazzjonalita Eritrejana u detentur ta' karta tal-identita' 0116951A akkuzat talli nhar l-20 ta' Gunju 2016 ghall-habta ta' 02.45hrs f'San Giljan:

1. seraq telefon cellulari tad-ditta Samsung, ghad-detriment ta' persuna/i mhux maghrufa, talli serq huwa aggravat bil-valur u hin. (Art 279(a) u Art 280, tal-Kap 9 ta' Ligijiet ta' Malta);
2. xjentement laqa' ghandu jew xtara' hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'qerq, jew akkwistati b'reat, b'kull mod li jkun, jindahal biex ibieghhom jew imexxihom (Art 334, Kap 9, Ligijiet ta' Malta);
3. kellu fil-pussess tieghu ir-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din r-raza.(Art 8 (a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. ikkommetta reat punibbli bi prigunerija waqt perjodu operattiv ta' sentenza sospiza ta' prigunerija, liema sentenza inghatat mill-Magistrat Dr A.Bugeja LL.D nhar is-26 ta' Settembru 2014, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula (Art 28B, tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta);
5. sar recidiv b'sentenza moghtija mill-Qorti ta' Malta preseduta mill-Magistrat Dr.N Galea Sciberras LL.D nhar l-04 ta' Dicembru 2015, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula (Art 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

Rat l-kunsens tal-Avukat Generali biex il-kawza tinstema bi procedura sommarja mhux opposta;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghat ix-xhieda;

Ikkunsidrat:

L-akkuzat jinsab akkuzat primarjament ta' serq u pussess ta' Cannabis.

Mix-xhieda li giet prodotta mill-prosekuzzjoni, prova konvincenti u inekwivoka kontra l-imputat fil-konfront tal-ewwel tlett akkuzi, jigifieri l-akkuzi principali, ma tirrizultax. Il-Qorti qeghdha isosstni fuq dan, stante li mill-analizi tal-impronti digitali mehuda minn fuq it-telefon cellulari, ma irrizulta ebda impronti tal-imputat. Fil-kuntest ta' dawn l-impronti, l-Qorti tosserva li c-cellulari kien elevat flimkien mas-sustanza cannabis minn taht vettura biswit liema, l-pulizija raw l-imputat. Jigifieri l-prova certa tikkoncerna biss, li s-sustanza kienet cannabis u li l-imputat kien biswit il-vettura minn fejn gew elevati. Apparti minn hekk, m'hemm ebda prova li torbot lill-imputat maghhom. Konsekwentement stante li l-ewwel tlett akkuzi ma jinstabux pruvati, ma jistghux jirrisultaw il-kumpliment.

Tiddeciedi ghalhek li tillibera.

A.M. Trigona

Magistrat